# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar, 2002**

**Numru 69**

**Cit. Nru. 1474/94 NA**

**Anthony Azzopardi u Carmelo sive Charles Azzopardi ezercenti l-kummerc taht l-isem Azzopardi Fisheries**

**vs**

**Alfred Grech**

**<u>L-Att tac-citazzjoni</u>**

L-atturi pprocedew quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc bil-prezenti att tac-citazzjoni-

> "Illi l-konvenut jinsab debitur versu l-atturi fis-somma ta` Lm30,956.90 rapprezentanti prezz ta` hut mibjugh u kkonsenjat mill-atturi lill-konvenut, liema dejn hu cert, likwidu u dovut. Il-konvenut irrilaxxja a favur l-atturi tlett cheques li komplessivament jammontaw ghas-somma msemmija ta` Lm30,956.90 liema cheques ma gewx onorati mill-Bank. Il-

konvenut nonostante li gie nterpellat sabiex ihallas baqa` inadempjenti;

L-attur talab lill-Qorti biex tiddeciedi skond it-talba bid-dispenza mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Art. 167 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, li tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta` Lm30,956.90 lill-atturi rapprezentanti prezz ta` hut, bl-imghaxijiet kummercjali mit-2 ta` Gunju, 1994 sad data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta`qbid kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni".

**Eccezzjonijiet**

Il-konvenut eccepixxa li t-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt billi huwa ma kien xtara xejn direttament minn ghand l-atturi izda agixxa ta' tramite bejn l-istess atturi u l-akkwirenti propju. Il-konvenut iddikjara li l-commission agent ta' nazzjonalita Torka, Senkal, kien talbu biex jghinu biex jaghmel kuntatt ma' esportatur tal-hut Malti, biex jibda jsir negozju mal-Gappun. Huwa laqqa' z-zewg partijiet, u dawn bdew dan il-kummerc bejniethom li wassal ghal diversi konsenji ta' tunnagg lejn il-Gappun. Dwar il-konsenja mertu tal-kawza hu kien bhas-soltu ha hsieb l-arrangamenti. Gie mgharraf li l-hut kien ta' kwalita' inaccettabbli u kellu jintrema'.

**Decide**

B'sentenza tat-12 ta' Novembru, 1997, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi laqghet it-tieni talba ta' l-atturi u kkundannat lill-konvenut biex ihallashom is-somma ta' Lm30,956.90 kif mitluba, bl-

imghaxijiet mid-data tal-konsenja u cioe' mit-2 ta' Gunju, 1994 u bl-ispejjez tal-kawza. Il-Qorti qabel kienet cahdet l-ewwel talba biex il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja hekk imsejjha tal-giljottina.

**Fatti tal-kawza**

L-ewwel Qorti dehrilha li kellha taghmel elenku tal-provi kollha prodotti quddiemha b'mod li pratikament irriproduciet fis-sentenza appellata il-punti kollha saljenti mid-depozizzjonijiet tax-xhieda. Dan wiehed jifhem li ghamlitu biex tiffacilita l-apprezzament tal-provi li eventwalment kellha ghamlet fil-konsiderazzjonijiet taghha. Jidher li hu utli li dawn il-provi jigu nkorporati wkoll f'din is-sentenza ghax finalment id-definizzjoni tal-mertu kellha temergi mill-apprezzament ta' dawn il-provi li ghamlet l-ewwel Qorti u li kien allura suggett ta' l-iskrutinju ta' din il-Qorti ta' revizjoni.

> "Fl-14 ta` Frar l994, xehed l-attur bil-gurament fejn iddikjara li l-prezz li kienu qed jitolbu fic-citazzjoni jirrapprezenta prezz ta` tonn mixtri minghandhom mill-konvenut.
>
> Huwa qal li xi sentejn qabel kien mar biex jixtri it-tonn minghandhom persuna ta` nazzjonalita` Torka, fuq imsemmija, izda huma kienu rrifjutaw ghaliex ma kienux jafuh, u huma riedu persuna li kellhom fiducja fih.
>
> Fil-1993, mar ghand l-atturi, il-konvenut, u saret il-proposta li huma jippakkjawlu xi tonn biex jigi esportat. Skond dan il-ftehim kellu jhallashom Alfred Grech.

L-attur iddikjara li l-flus li qed jitlob jirrapprezentaw ammonti ta`cheques li ma gewx onorati, u huwa il-bilanc tal-hut li xtara minghandu fil-1994. Meta l-atturi kienu jkellmu lill-konvenut dwar ic-cheques li ma kienux issarfu, hu kien jghidilhom li kien qed jistenna l-flus.

Fil-kontro-ezami, l-attur, mistoqsi jekk huwiex minnu li hu kien jaf li x-xerrej kien it-Tork, iddikjaraw li kif kien semma qabel, hu lil dan it-Tork qatt ma ried ibieghelu.

Xehed ukoll fl-14 ta` Frar, 1994, Carmel Cutajar ingunt mill-attur fejn iddikjara li huwa sajjied full-time. Hu kien avvicinat fl-l993 mill-konvenut li talbu xi sajda tat-tonn. Wara li l-konvenut assigurah li hu kien ser jithallas Cutajar tah it-tonn u fil-fatt thallas.

Fil-1994, Cutajar rega gie avvicinat mill-konvenut, pero` din id-darba Cutajar irrifjuta ghaliex kien sar jaf bl-arrangament li sar ma` Azzopardi. Ghalhekk, Cutajar qal lill-konvenut biex jirranga ma` Azzopardi.

Fil-5 ta` Mejju l995, Charles Azzopardi xehed li fil-1992, kien mar jarah Tork u qallu li ried jibda jesporta l-hut. Pero` f`dik l-okkazzjoni ma kien hemm ebda akkordju.

Xi sena wara, il-konvenut rega gie avvicinat mit-Tork, u din id darba ftehmu li x-xhud jaghmillu xi packing ta` tonn. Il-hlas dejjem sar mill-konvenut Alfred Grech permezz ta` cheque mill-Bank of Valletta.

Bejn il-bidu ta` Mejju u l-ewwel gimghatejn ta` Gunju ta` l-1994, il-konvenut ha daqs li jiswa LM70,000 hut minghand l-atturi izda din id-darba, it-tlett cekkijiet li tahom il-konvenut ma ssarfux, u dawn huma l-ammonti li l-atturi qeghdin jitolbu fic-citazzjoni.

Is-sistema li biha kienu jahdmu l-partijiet kienet li l-konvenut kien jiehu kwantita' ta' tonn u wara jumejn, tlieta, kien igib ic-cheque biex ihallas. Biex jinkoraggieh igiblu l-flus malajr, Azzopardi kien itih 3% cash discount.

Azzopardi xehed ukoll li fil-1994, kien gie darba Senkal mal-konvenut, u fehem li kien hemm xi konnessjoni bejniethom, pero' Azzopardi dejjem iddiskuta ma' Alfred Grech.

Fil-kontro-ezami, Azzopardi gie muri tlett invoices li saru bil-kitba tieghu u li kienu ndirizzati Senkal & Grech. Ix-xhud qal li bilfors

kellu jindirizzahom b'dak il-mod minhabba id-Dwana u l-Exchange Control, peress li x-xoghol kien qed jigi esportat.

Mistoqsi dwar it-3% cash payment, Azzopardi xehed li din ma kienetx commission payment maghmula lis-Sur Grech, izda tnaqqis mill-ammont biex jinkoragixxi lill-konvenut igib il-flus malajr halli hu jkun jista' jaghtihom lis-sajjieda.

F'notaipprezentata fil-15 ta' Settembru, 1995, Alfred Grech esebixxa l-affidavit tieghu stess. Grech xehed li huwa kien iltaqa' ma' Senkal fuq il-post tax-xoghol tieghu bhala impjegat tal-Lufthansa German Airlines. Darba hu kien staqsa lil Senkal x'inhu jaghmel hawn Malta, u dan wiegbu li kien qieghed jistenna lil missieru jibghat xi tonn mil-Libya biex imbaghad jesportah ghall-Gappun. Ftit tal-jiem wara, il-konvenut staqsa lil Senkal kienx qatt haseb li jixtri t-tonn minn Malta, u dan qallu li jekk dan kien possibbli kien lest jaghtih kummissjoni.

Jumejn wara, Grech iltaqa' ma' missier Senkal, u dan ta' l-ahhar qallu li kien diga' tkellem ma' Charles Azzopardi dwar jekk meta jibghat it-tonn mil-Libya, Azzopardi jistax jippakkjalu l-hut, pero' qatt ma tkellmu fuq bejgh ta' tonn minn Malta. Grech informa lil missier Senkal li kien ser jipprova jirrangalu ma' Azzopardi hu stess.

L-ghada Grech mar ghand Azzopardi u infurmah bil-proposta tieghu lil Senkal. Azzopardi qallu li dan ma kienx possibbli peress li kellu arrangament ma' Gappuniz li kien jixtri t-tonn kollu minghandu. Madankollu, Azzopardi qallu li jista' jippakkja xi tonn li Senkal jista' jkollu.

Dik il-gimgha stess, habib ta' Grech infurmah li kuginuh huwa sajjied u li kien ser jistaqsieh iridx ibiegh it-tonn lil Senkal. Wara ftit jiem, Grech ircieva telefonata minn certu wiehed Cutajar, imlaqqam bhala Tal-Muntanja, fejn qallu li qabad tlett tonniet u li jekk irid Grech jista' jmur mat-Tork biex jarahom. Senkal, wara li ccekkja t-tonn, accetta li jixtrihom bil-prezz kurrenti u ghaxra jew ghoxrin centezmu aktar. Ftehmu li fil-ghodu kmieni, Cutajar jiehu l-hut ghand Azzopardi Fisheries. Dan hekk ghamel, gie ppakkjat u ttiehed l-ajruport.

Fil-ghaxija Cutajar cempel lil Grech u qallu li Azzopardi kien oggezzjona li jerga' jbiegh it-tonn lil Senkal dirett mill-iskuna. Grech ghalhekk cempel lil Azzopardi u staqsih ghaliex Senkal ma jistax jixtri hut la minghandu u lanqas minghand is-sajjied dirett. Azzopardi qallu li issa jara x'jista' jaghmel u wara ftit,

Azzopardi informa lil Grech li Senkal jista' jixtri t-tonn minghandu wara li l-Gappuniz jaghzel it-tonn. Senkal accetta bil-kundizzjoni li jkun jista' jiccekkja t-tonn qabel ma jigi ppakkjat.

Grech ghamilha cara illi fl-ebda hin Azzopardi ma qatt qallu li hu kien qieghed iqis li qed ibiegh direttament lil Grech jew li hu kien ser ikun b'xi mod responsabbli ghall-pagament. Azzopardi kien jaf, sa mill-bidunett, li Grech kien qed jinvolvi ruhu bhala introduzzjoni bejn il-partijiet bi hlas ta' "commission".

F'Mejju ta' l-1994, ir-rizultat ta' zewg konsenji lejn il-Gappun kien wiehed negattiv peress li t-tonn ma kienx mizmum tajjeb u l-laham swied ghal kollox sakemm wasal il-Gappun. Wara ftit, Senkal informa lil Grech li kien ghadu ma thallasx ghal dawn iz-zewg konsenji, izda accertah li malli jithallas kien ser jibghatlu l-flus.

F'Ottubru, 1994, Grech mar ghand Azzopardi biex jitkellmu dwar il-flus li Senkal kien ghadu ma baghatx. Azzopardi nfurmak li ma jridx jistenna aktar, izda Grech qallu biex ma jiehux azzjoni ghalissa, ghaliex Senkal kellu jigi Malta. Ghall-kuntrarju ta' dan, Azzopardi ghamel kawza kontra Grech.

Fl-ahharnett Grech ikkonferma li sa mill-bidunett, u tul kors kollu tan-negozju msemmi, dejjem kien car ghal kulhadd involut, li hu kien qed jagixxi ta' introduzzjoni bejn ix-xerrej u l-bejjiegh, u li l-qliegh tieghu kien kummissjoni.

Fit-22 ta' Settembru, 1995, Grech in kontro-ezami ddikjara li kien hbieb, specjalment mas-Sur Charlie Azzopardi, ghaliex kien jafu minn mindu kienu tfal zghar, peress li familjari ta' Grech kienu jixtru l-hut minn ghandhom. Apparti dan, Grech kien jahdem mal-Lufthansa, u Azzopardi kien juza din il-linja biex jesporta xi hut.

Mistoqsi jekk Senkal qallux jew hu staqsiehx, kienx diga' tkellem ma' Azzopardi fuq ix-xiri ta' hut minn Malta, Grech wiegeb li la staqsieh u lanqas hu ma qallu.

Grech iddikjara wkoll li l-arrangament ma' Azzopardi kien li Grech johrog ic-cheque, pero' dan ma jissarrafx qabel ma Grech jircevi l-fondi minghand Senkal.

Grech zied li hu qatt ma gie f'mohhu li kien ser ikun involut personalment f'din il-kwistjoni peress li qatt ma gie mitlub jaghmel garanzija personali u lanqas garanzija mill-Bank.

Grech, in kontinwazzjoni tal-kontro-ezami tieghu fit-28 ta' Novembru, 1995, xehed li qatt ma ddiskuta ma' Azzopardi dwar kummissjonijiet, ghaliex hu kien dejjem weghdu li kien ser jahseb fih, u fil-fatt dejjem tah kummissjoni ta' 3%.

Fit-13 ta' Frar, 1996, il-konvenut iddikjara li l-prova li ried jaghmel permezz tal-Bank Manager tal-Bank of Valletta, bi qbid bejn il-partiiet fit-28 ta' Novembu, 1995, seta' jaghmilha l-konvenut stess u ghalhekk irrinunzja ghal dan ix-xhud.

Ghalhekk fit-13 ta' Frar, 1996, Grech fix-xhieda tieghu esebixxa xi dokumenti mill-Bank li huma advances ta' flus li gew minghand Senkal u depozitati fil-kont ta' Grech. Grech ikkonferma li bil-flus li kien jibghatlu Senkal, hu kien ihallas lil Azzopardi.

Ix-xhud iddikjara li d-dokumenti esebiti ma jirrapprezentawx il-flus kollha li baghtlu Senkal biex ihallas lil Azzopardi; pero' il-Bank ikollu t-transazzjonijiet kollha mill-bidu sa' l-ahhar.

Mistoqsi minn fejn gab dawn id-dokumenti, Grech qal li dawk kienu kopji li l-bank kien baghatlu ta' kull transazzjoni.

L-istatements esebiti jirreferu kollha ghall-pagamenti li kellu jaghmel Grech lil Azzopardi Fisheries.

Grech ippreciza li hafna drabi hu ma hax il-kummissjoni, fil-fatt kellu jiehu minghand Senkal kummissjoni ta' bejn wiehed u iehor Lm13,000 u dawn kollha in konnessjoni mat-transazzjonijiet ta' Azzopardi. Grech qal li madanakollu hu kompla ippresta is-servizzi tieghu lil Senkal ghaliex kien l-uniku mod biex forsi jithallas hu u anke Azzopardi u dan zgur ma kienx isir kieku rrifjuta li jippresta is-servizzi.

Fit-22 ta' Marzu, 1996, xehed Guido Grima, prodott mill-konvenut, li ddikjara li hu kien Supervisor fl-Advances tal-Bank of Valletta f'Tas-Sliema, u li kien qieghed jirrapprezenta lill-Manager ta' l-istess Bank.

Grima esebixxa kopji ta' bank statements tal-konvenut ghas-snin 1993 u 1994, li juru t-transazzjonijiet kollha li saru f'dan il-kont f'dak il-perjodu, li jinkludu sew depoziti, kif ukoll zbank.

Grima iddikjara li ma jafx jekk il-konvenut ghandux kontijiet ohra apparti minn dak fil-fergha taghhom.

Fis-seduta  ta' l-4 ta' Gunju, 1996, xehed il-konvenut riprodott mill-attur, fejn gie misqtoqsi fuq ammont ta' Lm10,000 f'transazzjoni li saret f'Marzu tas-sena 1994.  Grech ikkonferma li l-flus gew minghand Senkal u dawn il-flus jirreferu ghal partita ta' tonn.  Pero' dan it-tonn ma nxtarax minghand Azzopardi direttament. Li gara kien li dahlet skuna spanjola li kien fadlilha xi tonn, Azzopardi staqsa lil Grech jekk it-tonn li fadal kienx jinteressa lil Senkal, u effettivament dan kien jinteressah u saret din it-transazzjoni.

Il-flus ta' din il-partita, skond Grech, kellhom jithallsu lil Malti li kien qed jirrapprezenta lill-ispajoli.  Dan kien ghand Azzopardi meta telaq it-tonn mill-iskuna, biex jigi ppakkjat ghand Azzopardi.

Fl-4 ta' Gunju, 1996, Giudo Grima kompla max-xhieda li ta fit-22 ta' Marzu, 1994, fejn esebixxa fotokopji ta' bank statements tas-sena 1995, kif kien mitlub jaghmel.

Fl-4 ta' Ottubru, 1996, Grech, meta gie riferit ghal statement ghall-advice lill-bank datat 11 ta' Gunju, 1994, ghas-somma ta' Lm23,179.20, gie mistoqsi jekk dan id-depozitu hux konness mal-hut mixtri minghand l-atturi.  Grech iddikjara li dan ic-cekk ma giex imsarraf.  Kien hemm ftehim bejn il-partijiet li dan ic-cekk kellu jigi depozitat fil-kont taghhom, meta Grech javza lil Azzopardi li kien hemm il-fondi. Pero' ma sarx hekk, u meta l-atturi marru l-bank biex  isarrfuh ma kienx hemm fondi biex dan jissarraf, u ghalhekk gie riversat mill-Bank.

B'riferenza ghal depozitu li sar fis-16 ta' Gunju 1994 ta' LM10,992.10, Grech gie mistoqsi jekk dan id-depozitu fil-kont hux b'xi mod konness ma' xiri minghand Azzopardi.  Grech qal li l-ftehim kien l-istess bhal dak tal-ammont ta' qabel, Azzopardi marru jsarrfu c-cheque, qabel u ghalhekk dan gie 'referred to drawer'.

Grech, mistoqsi kemm kien ilu Senkal jibghatlu flus fil-kont tieghu, idikjara li kienu bejn wiehed u iehor mis-sena 1993.

B'risposta tas-7 ta' Novembru 1996, l-atturi opponew ghar-rikors li sar mill-konvenut tat-22 ta' Ottubru 1996 fejn pprezenta xi dokumenti peress illi , fl-ewwel lok, fl-4 ta'Gunju 1996, l-istadju tal-provi tal-konvenut gie konkluz, u ghalhekk mhux permess li jerga' jinfetah il-gbir ta' provi.  U fit-tieni lok, peress illi d-dokument li ser jigi pprezentat huwa fax minn Tokjo Seafoods

Ltd, l-atturi mhux ser ikunu f'pozzizjoni li jikkontrallaw il-veracita tal-kontenut ta' dawn id-dokumenti.

Fit-22 ta' Ottubru 1996, il-konvenut b'rikors talab lill-Qorti li ttih l-opportunita' li jipprezenta d-dokument msemmi peress illi genwinament bi zvista Grech naqas illi jippresenta dan id-dokument huwa importanti sia in sostenn ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, kif ukoll ghar-ricerka tal-verita.

Il-Qorti rat ir-rikors u fid-29 ta' Ottubru 1996 talbet li qabel xejn ssir notifika lill-kontro-parti li jkollhom erbat ijiem zmien ghar-risposta.

F'seduta tat-23 ta' Jannar 1996, l-atturi talbu lill-Qorti biex tawtorizzahom jipprezentaw dokument li juri li l-konvenut jinnegozja u jixtri personalment f'ammonti sostanzjali ta' hut, kif ukoll biex jaghti x-xhieda tieghu l-konvenut, biex jipprova li huwa fiz-zmien rilevanti ukoll kien jaghmel dan ix-xoghol.

Il-konvenut oppona ghall-ewwel talba tal-attur peress illi d-dokument jitratta kwistjonijiet kummercjali li sehhew tlett snin u aktar wara l-fatti ta' dan il-kaz;  pero ma opponix ghat-tieni talba sakemm id-domandi jkunu limitati ghall-perjodu in kwistjoni u ma jkunx hemm ripetizzjoni tad-domandi ga maghmula.

Il-Qorti fit-13 ta' Marzu 1996, rat it-talba maghmula miz-zewg partijiet li jigu esebiti xi dokumenti, kif ukoll it-talba ta' l-attur biex jerga' jittella' jixhed il-konvenut, u laqghet iz-zewg talbiet peress illi jidhrilha li huwa vitali li jingabru l-provi kollha possibli li jistghu jghinuha tasal ghall-konkluzzjoni gusta.

Fis-seduta tad-19 ta' Mejju 1997, rega xehed il-konvenut Alfred Grech imressaq mill-attur.  Il-konvenut gie muri d-dokument esebit a fol. 230 u gie mistoqsi jekk jaghrafx il-firma tieghu. Grech ikkonferma li l-firma hija tieghu.  Ikkonferma wkoll li l-indirizz li jinsab fuq dan id-dokument huwa l-indirizz personali tieghu.

Grech spjega li d-dokument msemmi ghandu l-origini tieghu fuq talba li saritlu mill-koperattiva tas-sajd fil-1995, biex isibilhom lil xi hadd biex jixtri l-hut minghandhom, cioe biex isibilhom freezing vessel.  Wara li sab dan il-freezing vessel, gie infurmat li huma ser johorgu tender u ghalhekk Grech xehed din it-tender, ghand il-Koperattiva pero' ghan-nom ta' ditta barranija.  Din kienet kumpanija Koreana li tixtri t-ton mid-dinja kollha.

Grech iddikjara li l-offerta kien ghamilha fl-indirizz personali u fuq ismu, ghan-nom tad-ditta ta' barra, billi ha in konsiderazzjoni tal-prezz, u zied ma' dak il-prezz il-kummissjoni li kien ser jiehu. Innega li hu kien ipprezenta garanzija bankarja meta ssottometta t-tender.

F'Jannar tas-sena 1996, il-konvenut irregistra mad-Dipartiment tal-VAT, u ddikjara li bejn iz-zmien li tirreferi ghalih il-kawza u meta irregistra mal-VAT office, hu ma ghamel l-ebda negozju.

F'nota ta' osservazzjonijiet ta' l-20 ta' Gunju, 1997, l-atturi, l-ewwelnett, esponew il-fatti in breve fejn qalu li huma kienu fin-negozzju tal-hut. Fil-1992, Senkal avvicinahom sabiex jixtri l-hut minghandhom ghall-esportazzjoni. Huma rrifjutaw. Fil-1993, l-atturi gew avvicinati mill-konvenut Grech sabiex jippakjawlu t-ton ghall-esportazzjoni, liema ton kien xtrah mis-sajjieda Maltin. Il-hlas ta' dan il-packing sar minn Grech stess.

Fil-1994, l-atturi rebhu tender biex jixtru t-ton kollu li jinqabad mis-sjjieda Maltin, u ghalhekk il-konvenut avvicina lill-atturi sabiex isir ftehim dwar xiri ta' hut.

L-atturi kienu jafu li Senkal kellu xi forma ta' ftehim mal-konvenut izda ghall-atturi in-negozju kien qed isir mal-konvenut Grech.

Meta c-cheques ma gewx onorati mill-Bank, fil-fatt, il-konvenut qatt ma qal li hu m'ghandux x'jaqsam mal-hlas, ghall-kuntrarju, kien jwieghed lill-atturi illi appena jircievi flus minn barra kien ihallas. Kien biss fil-kawza li l-konvenut qal li qatt ma kellu obbligu li jhallas.

Azzopardi esebixxa ghaxar invoices rigwardanti l-hut mixtri mill-konvenut minghand l-atturi matul is-sena 1994, u fuq sebgha minnhom hdejn il-kelma 'client' hemm isem Grech wahdu. Pero' l-konvenut qatt ma oggezzjona ghal dan, anzi kien jaccettahom u jhallas fuqhom, u qatt ma talab lill-atturi ma jindikawhx bhala il-klient li qed jixtri l-hut.

Fis-seduta tal-4 ta' Gunju 1994, xehed Guido Grima, rapprezentant tal-bank, u esebixxa xi dokumenti li jikkontradixxu l-verzjoni originali tal-konvenut moghtija fl-istess seduta. Fil-fatt, ghall-ewwel, Grech dejjem sostna li l-pagamenti huwa dejjem ircevihom minn Senkal, izda wara ammetta li kien ukoll jircievi xi flus minghand Tokyo Seafood Ltd. Ghalhekk, skond l-atturi, dawn id-dokumenti huma konferma tal-fatt illi Grech, wahdu jew flimkien ma Senkal, kien qieghed jixtri l-hut minghand l-atturi, u

jesportah lejn il-Gappun, u ghalhekk altru kien jaghmilha ta' 'tramite'. Inoltre, Grech qatt ma ta spjegazzjoni ghaliex il-flus ma kienux jithallsu direttament lill-atturi, una volta skond hu kien biss agent ta' Senkal.

Meta l-konvenut, fis-seduta tat-28 ta' Novembru 1995, gie mistoqsi ghaliex l-atturi kienu jcemplu lilu jekk skond hu il-ftehim kien sar ma' Senkal, Grech wiegeb li ma jafx ghalfejn, u zied illi hu ma kienx qal lil Azzopardi icempel direttament lil Senkal ghaliex kien ihoss li hu kien il-bniedem fin-nofs bejniethom.

In-nota ta' osservazzjonijiet tkompli billi tghid li l-provi kollha jindikaw li ghall-atturi n-negozju sar direttament mal-konvenut u dan jixhduh l-invoices mahruga fuq isem il-konvenut a favur l-atturi.

Hija rilevanti wkoll ix-xhieda ta' Carmel Cutajar, sajjied, fejn spjega illi l-konvenut kien diversi drabi innegozja direttament mieghu fil-hut. Ghalkemm il-konvenut kellu xi Torok mieghu pero' Cjutajar ghamilha cara li l-ftehim dwar xiri ta' hut minghandu intlahaq mal-konvenut direttament. Jirrizulta ghalhekk illi l-konvenut kien gia qed jinnegozja personalment fil-hut qabel ma xtara il-hut mertu tal-kawza odjerna.

Jekk il-Qorti taccetta li Senkal kien qed jixtri l-hut flimkien mal-konvenut ma titbiddilx, fil-fatt, art. 115 tal-Kodici tal-Kummerc jipprovdi li fil-kummerc socjali huma prezunti debituri in solidum, salv ftehiem kuntrarju. Skond l-art. 1096 tal-Kodici Civili meta hemm il-solidarjeta, il-kreditur ghandu dritt, fid-diskrezzjoni asoluta tieghu, jipprocedi kontra wiehed biss mid-debituri in solidum, u dak id-debitur m'ghandux dritt iressaq l-eccezzjoni tal-beneficcju ta' l-eskussjoni.

Jekk huwa minnu li l-konveut kien qed jithallas il-commissions u mhux jaqsam mill-profitti, allura jsegwi li l-konvenut kien qed jagixxi ta' commission merchant kif definit bl-art. 96 tal-Kodici Kummercjali li jipprovdi illi 'A commission merchant is a person who transacts business in his own name or under a firm name, for or on behalf of a principal'. L-art . 97 jistabilixxi bla ebda ombra ta' dubju r-responsabilita' ta' min jagixxi f'ismu proprju ghan-nom ta' haddiehor. "He is directly liable to the person with whom he deals, as if the transaction were his own.' Il-konvenut dejjem agixxa f'ismu proprju, jista' jkun ghan- nom ta' haddiehor, pero` vis a vis l-atturi in-negozju kien qed isir mal-konvenut personalment, irrispettivament x'arrangamenti il-konvenut kellu mal-barranin.

Fl-ahharnett, l-atturi ssottomettew illi l-fatt biss li l-konvenut hareg 'cheque' a favur l-atturi jirrendih responsabbli ghall-hlas. Kif iddikjarat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza 'Daniel sive Danny Cremona nomine vs Nazzareno sive Ronnie Zammit et 3/4/92; LXXVI.II.520).

".....in materja ta' cheques ghal dak li jirrigwarda stop payments fil-ligi Maltija wiehed ghandu jhares lejn il-ligi tal-kambjalijiet peress li ma tezisti ebda disposizzjoni ad hoc, u li partikolarment f'kaz ta' cheque 'to order' dan ghandu jigi kkunsidrat bhala soggett ghal-ligi kambjarja".

It-tlett cheques rilaxxjati mill-konvenut a favur l-atturi huma cheques 'to order' u ghalhekk soggetti ghal-ligi kambjarja konsegwentement irrispettivament mill-origini tan-negozju il-konvenut ghalhekk ukoll huwa obbligat li jhallas l-import ta' dawn ic-cheques.

Fin-nota responsiva tal-konvenut tat-2 ta' Settembru 1997, l-esponenti irrileva li l-atturi xehdu t-tnejn li qatt ma kellhom x'jaqsmu ma' Emin Senkal, pero' dan huwa kontradett min-numru ta' invoices li jindikaw taht l-isem tal-klijent, jew 'Senkal' biss, jew 'Senkal Grech', jew 'Senkal c/o Mr Grech".

L-akbar konferma pero', ta' rikonoxximent ta' l-atturi ta' rwol tal-konvenut bhala broker kummercjali, tohrog b'mod inkonfutabbli mid-diversi 3% commission payments illi l-atturi stess kienu jhallsu lill-konvenut f'kull konsenja. Rinfaccati b'dawn il-provi cari, iz-zewg atturi taw spjegazzjonijiet diversi u konfliggenti, u ghalhekk ferm indikattivi. L-attur Carmelo Azzopardi azzarda jghid sahanistra illi dawn kienu cash discounts u kompla biex jaghti deskrizzjoni ta' metodu pjuttost stramb u ferm inverosimili ta' kif jinghata dan id-discount. Min-naha tieghu, l-attur Anthony Azzopardi ma accenna xejn dwar cash discounts moghtija biex jinkoraggixxi lill-esponenti.

L-atturi ppruvaw wkoll jaghtu idea li l-konvenut kien dak iz-zmien negozjant in primis fil-hut, pero' dawn l-allegazzjonijiet ma' jirrizultaw imkien.

Fl-ahharnett, rigward ir-riferenza maghmula fin-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi ghall-kawza "Daniel sive Danny Cremona vs Nazzareno sive Ronnie Zammit et", il-konvenut ghamilha cara li r-riferenza ghall-ligi kambjarja giet espressament maghmula ghal dak li jirrigwarda stop payment, u

ghalhekk ghal aspett ben divers minn dak meritu tal-kawza odjerna".

## Motivazzjoni tas-sentenza appellata

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

"Illi bhala fatt ma jidhirx illi huwa kkontestat illi l-konvenut kien jixtri xi hut minghand l-atturi u ihallas ghal dan ix-xiri b'cheque personali tieghu.

Il-konvenut, pero', isostni li minkejja dan, huwa kien biss intermedjarju ghal Tork b'isem ta' Senkal u li Azzopardi kienu jafu b'dan l-arrangament; infatti kienu jhallsu kummissjoni ta' 3% u kienu wkoll jafu bl-involviment ta' Senkal li kien anke, xi drabi, iltaqa' ma' l-atturi fil-prezenza tieghu.

Minkejja li kien johrog il-flus hu, u mil-kont personali tieghu, dan kien jaghmlu biss meta kien jigi 'placed in funds' minn depositu maghmul minn Senkal fil-kont bankarju tieghu. Anke fil-kaz prezenti, isostni illi kien avza lil Azzopardi biex ma jiddepozitawx ic-cekkijiet, qabel ma jghidilhom li huwa kien ircieva il-flus minn barra.

L-atturi, filwaqt li jaccettaw li kienu jafu li l-konvenut kellu xi involviment ma' Senkal, jinnegaw li l-konvenut xi darba qalilhom li kien biss intermedjarju. Ghall-kuntrarju, dejjem tawhom l-impressjoni li kien shab ma' Senkal. Di piu' dahlu ghal dan in-negozju minhabba l-involviment tal-konvenut peress illi kienu diga' irrifjutaw li ibieghu direttament lil Senkal. Jinghad illi qabel ma inqalet il-kwistjoni presenti il-partijiet kienu innegozjaw drabi ohra bejniethom, fejn il-pagamenti ghax-xiri ta' hut kien sar regolarment. Dwar il-kummissjoni l-atturi jghidu li dan kien pagament personali lill-konvenut biex dan ihallas kemm jista' jkun malajr u dana minhabba l-ammonti ta' flus involuti.

Jinnegaw wkoll b'mod assolut li l-konvenuti xi darba qalilhom li ma jiddepozitawx ic-cekkijiet qabel ma javzahom li kien irceva l-ammonti minn Senkal. Ghall-kuntrarju kien jghidilhom, li kien sejjer ihallas u kien jitlobhom jissaportu ftit. Huma issaportew sa kemm setghu u imbaghad bdew dawn il-proceduri.

Dan is-sintesi tal-fatti fi kliem il-Qorti tax-xhieda li taw il-partijiet huwa ripetizzjoni ta' xi uhud mill-fatti kif esposti fil-parti preliminari ta' din is-sentenza. Din ir-ripetizzjoni pero' kellha ssir biex b'hekk jidher car illi is-soluzzjoni ta' din il-vertenza mhix sejra tinstab mix-xhieda tal-partijiet li hija, fil-punti ezzenzjali taghha, konfliggenti.

Is-soluzzjoni ghalhekk trid tinstab b'dik l-grad ta' probabilita' rikjesta fil-kamp civili, fil-provi dokumentarji, fl-uzu tal kummerc u finalment f'dak provdut fil-ligijiet u il-gurisprudenza ta' pajjizna.

Dwar provi dokumentarji, il-Qorti fl-ewwel lok tosserva il-fotokopji tat-tlett cekkijiet kollha iddatati 2 ta' Gunju ,1994 ghal ammonti varji li flimkien ikopru it-talbiet attrici. Dawn huma esebiti a fol.5 tal-process u mmarkati bhala Dokumenti 'A'. Dawn il-fotokopji ma gew bl-ebda mod ikkontestati u huma verament pagamenti pero', ma gewx onorati mil-Bank involut (il-Bank of Valletta Ltd) u gew 'referred to drawer' fid-9 ta' Gunju, 1994.

Hemm imbaghad varji dokumenti, li huma proprju invoices li gew pprezentati mill-atturi waqt l-udjenza tal-14 ta' Frar, 1995, u li jinsabu minn fol. 22 tal-process 'il quddiem u li huma mmarkati minn Dok A sa Dok J, u li ikopru l-perjodu Mejju 1992, sa Mejju l994. Fil-maggor parti taghhom dawn huma intestati f'isem il-konvenut wahdu, pero' f'xi uhud apparti isem il-konvenut, hemm isem wkoll Senkal. Ta' aktar relevanza huwa il-fatt li tlieta minn dawn l-invoices, Dok A, Dok B, u C jirreferu proprju ghall-kawza prezenti. Dawn l-invoices kollha jirreferu ghal xiri ta' hut u dawn id-dokumenti huma intestati f'isem biss il-konvenut.

B'nota ta' l-atturi tal-5 ta' Mejju, 1995, wkoll pprezentata fl-udjenza l-atturi esebew xi dokumenti ohra, u cioe' Dok XI sa X3 li huma ricevuti li kollha jirreferu ghal 1994 u kollha huma intestati f'isem il-konvenut. Dawn jindikaw ukoll li meta saru dawn il-pagamenti mill-konvenut hu thallas personalment 3% fuq l-ammont involut.

Il-konvenut invece wkoll waqt l-udjenza tal-5 ta' Mejju, 1995, ipprezenta xi dokumenti. Fost dawn hemm diversi invoices ohra li jirreferu ukoll ghal xiri ta' tonn. F'dan il-kaz, pero', dawn huma intestati favur Senkal jew wahdu jew c/o Alfred Grech. Huwa interessanti pero', li dawn l-invoices intestati f'isem il-konvenut jirreferu ghas-snin 1992 u 1994, u jinkludu partikolarment dawk l-invoices li taghhom qed jintalab il-hlas fic-citazzjoni presenti.

Dok AG a fol. 51 huwa Airway bill. Dan jindika l-isem u indirizz tax-shipper li hija socjeta' li fil-fehma tal-Qorti, ma tantx ghandha rilevenza ghal dik il-vertenza mhux biss ghax is-shipper ma huwiex ix-xerrej, izda wkoll ghax ma hemm ebda invoice, (anke fost dawk esebiti mill-konvenut) li taghmel referenza ghal din is-socjeta'.

Finalment il-konveut esebixxa ittra mill-atturi lil Senkal tat-13 ta' Lulju 1994 (fol. 54 dok AG1) fejn fost affarijiet ohra, jitolbu il-pagament tac-cekkijiet meritu ta' din il-kawza. Jinghad pero' illi din l-ittra jew fax intbghatet wara li ic-cekkijiet ma kienux gew msarrfa u f'din l-ittra issir ampja referenza wkoll ghall-konvenut. Fis-26 ta' Ottubru 1994 Senkal baghat fax lil Azzopardi, li hija esebita bhala dok AG8 a fol. 56 tal-process.

Fl-udjenza tat-28 ta' Novembru, 1995 il-konvenut esebixxa diversi statements tal-Bank li jindikaw id-dhul u hrug mill-kont personali tieghu (fol. 102 sa 105), imbaghad fl-udjenza tat-13 ta' Frar, 1996 xi 'credit advices' u 'payment orders' wkoll maghmula favur il-konvenut minn Senkal, Nautilus Trading Ltd u Tokyo Seafoods Limited. Ma jkunx barra minn loku f'dan l-istadju li jigi rrimarkat illi ix-xiri li kien qed isir mil-konvenut, sew jekk hux fil-veste personali tieghu, be shab ma' Senkal, jew biss bhala sensal, kien biex it-tonn jigi esportat il-Gappun. Nautilus Trading Ltd hija socjeta' b'konnessjonijiet ma' Senkal, Tokyo Seafoods Limited invece hija id-destinatarju finali. Il-konvenut permess tax-xhud rapprezentant tal-Bank of Valletta gab wkoll diversi statements ohra bhala prova fis-seduti tat-22 ta' Marzu u 4 ta' Gunju 1996 (fol 126 – 213 tal-process). Ma' dawn l-istatements gew wkoll esebiti diversi Payment Orders ohra, xi uhud minnhom mahruga mis-socjeta' JAL Trading. Huwa pero' ferm indikattiv ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza li jigi nnotat illi tlieta minn dawn il-pagamenti lill-konvenut ghall-ammonti sostanzjali fl-1994 ma sarux minn Senkal jew minn xi socjeta' assocjata mieghu, izda direttament mid-destinatarju finali Yokyo Seafoods Limited (fol 191, 192, u 193 tal-process).

Finalment wara digriet ta' din il-Qorti tat-13 ta' Marzu 1996 gie ammess a fol. 231 dokument mill-atturi, li huwa kopja ta' offerta maghmula mill-konvenut personalment fuq l-indirizz personali tieghu. Dan id-dokument juri li l-konvenut kien qed joffri, mhux car jekk hux biex jixtri jew ibiegh, varji kwalitajiet ta' 'Bluefin Tuna' b'grades differenti u bi prezz imsemmi skond dawn il-grades.

Dawn il-konsiderazzjonijiet fattwali jresqu lill-Qorti biex tibda tezamina ir-relazzjonijiet tal-partijiet, sew fuq dak li jigri fis-suq (piazza) sew skond provvedimenti tal-ligi ta' pajjizna.

Il-Qorti jidhrila li l-konvenut kemm il-darba innegozja f'ismu. Dan jirrizulta ampjament pruvat mill-provi kollha migbura. Dan in-negozju sar anke, jekk b'mod infrekwenti, mhux biss mill-atturi pero' anke ma terzi persuni ohra. Jinghad illi mhux biss innegozja f'ismu izda wkoll involva ruhu fl-att finanzjarju tat-transazzjoni. Hallas ghal dak li xtara b'cekkijiet personali, inghata ricevuti f'ismu personali wara li kien gie invoiced f'ismu personali. Din il-Qorti li tistqarr li ghandha xi ftit esperjenza ta' kif jitmexxa is-suq lokalment u ta' kif isiru it-transazzjonijiet kummercjali f'dan is-suq fejn hemm involuti ditti esteri, issibha ferm stramba li l-konvenut kien sejjer jaghmel dan kollu bl-ammonti ta' flus involuti sempliciment ghall-kummissjoni ta' 3% fuq l-ammont negozjat. Huwa minnu li ghadhom jezistu kwantita' ta' negozjanti li jagixxu biss ghall-kummissjoni – dawk, allura li legalment jigu koperti bl-artikoli 70 et sequitur tal-kodici tal-kummerc Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jittratta fuq l-agenti tal-kummerc. Dawn, pero', fil-pjazza qatt ma jinvolvu ruhhom fit-transazzjonijiet finanzjarji li jibqghu dejjem materja bejn il-partijiet. Huma jassistu lill-istess partijiet billi jigbru u jittrasmettu l-ordnijiet. Qatt pero' ma huma responsabbli fin-nuqqas ta' adempiment ta' xi obbligu. Jekk in-negozju jirnexxi u jsir il-hlas, huma jiehdu kummissjoni li, fil-prattika, tvarja pero' normalment hija bejn it-3% u 10%.

Invece in-negozjanti li jaghmlu atti tal-kummerc f'isimhom proprju, minkejja li jissejhu agent, ghax forse jkollhom xi esklussivita' fis-suq lokali ghal certu prodotti barranin, effettivament ma huma agent xejn. Huma jixtru f'isimhom minghand id-ditta estera, imbaghand ibieghu dawn il-prodotti fil-pjazza, b'margni tal-profitt taghhom – l-att ta' kummerc pur li jipprovdi ghalih l-istess Kodici tal-Kummerc fl-artikolu 5(a) u li jaghmel minn dik il-persuna, kummercjant a fini tal-ligi. Dik il-persuna tigi li qed tinnegozja personalment billi tixtri u tbiegh prodotti ta' haddiehor. Hija ghalhekk legalment personalment responsabbili ghall-aspetti kollha tat-transazzjoni fl-isfond sew legali sew finanzjarju.

Huwa immaterjali minn fejn ikun gej il-finanzjament ghal attivita ta' dak il-kummercjant. Jista' per ezempju, ikun gej minn Bank, pero' mhux b'daqshekk il-bank isir responsabbli ghall-obbligazzjonijiet finanzjarji. Jista' wkoll dan it-tip ta' negozjant, gieli jagixxi f'isem haddiehor.

F'dan il-kaz partikolari il-Qorti ippermettiet li jingiebu provi li jmorru oltre il-kontestazzjoni prezenti u dan bil-ghan li jigi ddentifikat il-figura guridika tal-konvenut. Finalment pero', hija it-talba odjerna li trid tigi deciza – dik it-talba li tirrigwarda xiri ta' hut li ghalih sar pagament permezz ta' tlett cekkijiet; liema tlett cekkijiet finalment, ipprezentati, ma ssarrfux.

Fl-ambitu tal-provi kollha imressqa, pero' b'emfasi fuq il-kaz prezenti, il-Qorti m'ghandiex dubbju f'mohha li l-konvenut kien personalment qed jinnegozja ix-xiri u bejgh ta' hut. Huwa wisq probabbli li dan kien qed jaghmlu ma' Senkal li kellu l-kuntatti mad-destinatarju finali fil-Gappun. Huwa probabbli wkoll li l-finanzjament principali kien qed isir minn dan Senkal probabilment ghax kien hu li fl-ewwel lok jircevi il-flus mis-socjeta' Gappuniza. Il-Qorti, pero' ndikat (u dan kien relevanti biex tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha) kazijiet fejn il-hlas sar direttament mis-socjeta' Gappuniza lill-konvenut. Jidher illi din is-shubija bejn il-konvenut u Senkal, kienet b'mod li l-konvenut kien normalment jiehu hsieb ix-xiri lokalment waqt li Senkal kien jiehu hsieb it-trattativi barra minn Malta.

Minkejja illi forsi wiehed mill-atturi ma tantx kien car fix-xhieda tieghu jinghad illi hija prattika solita fil-kummerc, sew taht dan l-aspett legali sew taht dak li sejjer isegwi, illi jinghata skont mal-pagament u dana biex il-pagament isir qabel. Stante il-'cash flow' tan-negozjant u l-imghaxijiet bankarji, dan isir frekwentement u favur dak li effettivament jaghmel il-hlas, sew jekk dan ikun fi shubija ma haddiehor sew jekk ikun qieghed jagixxi ghan-nom ta' haddiehor.

Pero' anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument il-konvenut ma kienx shab ma' Senkal, izda kien qed jagixxi b'ordni jew akkont tieghu, din il-Qorti ssib li ghandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-artikoli 96 et tal-Kodici tal-Kummerc li jitkellmu fuq il-kummercjant kummissjonanti u cioe:

"Il-Kummercjant kommissjonant hu dak li f'ismu jew taht l-isem ta' ditta socjali jaghmel att ta' kummerc b'ordni jew akkont ta' principal".

Din il-persuna skond l-artikolu 97:

Hu obbligat direttament ma' dawk li maghhom jikkontratta, daqs li kieku l-operazzjoni kienet tieghu nnifsu".

F'dan is–sens wkoll iddecidiet il-Qorti ta' l-Appell fil-kaz 'Spiteri versus Vella' tal-11 ta' Gunju 1928 fejn ikkwotat b'mod estensiv il-Pipia.

Din il-Qorti jidhirlha illi fir-rigward tat-talbiet odjerni, ma jistax ikun hemm dubbju li l-konvenut ghamel att ta' kummerc f'ismu, minkejja illi forsi akkont ta' haddiehor.

Il-Qorti tissimpatizza ma' l-istess konvenut. Jidher car, illi il-finanzjarament normalment ghad-dispozizzjoni tieghu, f'dan il-kas, ghal xi raguni, ma giex trasferit, la direttament f'ismu u lanqas tramite Senkal. Ta' dan pero' m'ghandhomx ibatu l-atturi li jidhru li striehu fuq l-istess konvenut ghall-hlas tal-hut minnhom mibjugh li, del resto, jidher li kellhom ihallsu is-sajjieda tieghu. Fid-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut issemma li din il-partita hut kellha tintrema ghax kienet hazina. Fuq dan, din il-Qorti thoss illi, apparti li din ma inghatatx bhala eccezzjoni, kien jispetta lill-konvenut igib prova ta' dan li bl-ebda mod ma sar almenu kif rikjest mill-ligi.

Il-Qorti thoss li setghat tistrieh hawn. Biex pero', l-ezami u argomentazzjoni legali f'din il-kawza ikun komplet, jiswa' li jissemmew zewg punti legali ohra.

Ta' l-ewwel hija il-possibilita', remota fil-fehma tal-Qorti wara li ezaminat il-fatt, li l-konvenut kien biss sensal fil-kummerc.

F'dan il-kaz , apparti mill-kwistjoni tar-registrazzjoni tieghu skond l-artiklu 79 et tal-istess Kodici tal-kummerc, l-artikolu 90 tal-istess Kodici jipprovdi illi is-sensal iwiegeb personalment ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt fejn ma jsemmiex l-isem tal-parti l-ohra. Pero', skond is-sub-artikolu (2) ta' dan l-artikolu anke fejn isemmi l-isem , wkoll jekk wara li tkun saret l-operazzjoni 'jibqa iwiegeb fil-kaz li l-kuntratt ma jigix esegwit'.

Fit-tieni lok din il-Qorti ezaminat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ikkwotati mill-partijiet tat-3 ta' April 1992 fl-ismijiet Cremona vs Zammit. Huwa minnu li f'dak il-kaz il-Qorti kellha quddiema cheques, li fuqhom kien hemm "stop payment..... ."
Il-Principju pero' enunzjat f'dik il-kawza li 'fil-ligi Maltija wiehed ghandu jhares lejn il-ligi tal-kambjalijiet peress li ma tesisti ebda disposizzjoni 'ad hoc' u li partikolarment f'kaz ta' cheque 'to order' dan ghandu jigi kkunsidrat bhala soggett ghal-ligi kambjara', fil-fehma ta' din il-Qorti ma ghandux japplika biss fil-kaz ta' 'stop payment' izda wkoll ghal-kazijiet ohra bhal dak

> prezenti fejn cheque jigi ‘referred to drawer’ u dan meta c-cheque jkun ‘to order’.
>
> Ghal dawn ir-ragunijiet u wara li kkunsidrat wkoll l-artikolu 115 tal-Kodici tal-Kummerc Kapitolu 13 dwar l-obbligazzjonijiet in solidum tal-kondebituri flimkien mal-artikolu 1096 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 il-Qorti thoss illi mill-fatti prodotti, thares minn fejn thares lejn it-transazzjoni kummercjali prezenti, il-konvenut ghandu jwiegeb ghat-talba attrici u peress illi ma ingabet ebda raguni valida, ghaliex id-debitu ma huwiex dovut, ghandu jigi kkundannat ghall-hlas tad-debitu odjern”.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza b’aggravju li in sostanza kien jikkontesta l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti. Hu jilmenta li l-ewwel Qorti donnha injorat kompletament ix-xhieda maghmulin mill-partijiet ghax irragunat li din kienet “fil-punti essenzjali taghha konfliggenti” u ghazlet illi tibbaza l-konsiderazzjonijet taghha fuq elementi ta’ prova estraneji ghal dak li ddeponew il-partijiet involuti fin-negozju. Isostnu pero’ li l-aktar ricerka mportanti li kellha ssir fil-kawza kien propju dak illi johrog mill-fatti kollha li xehdu dwarhom il-partijiet. Dan inkwantu minn hemm biss seta’ jigi stabbilit x’kien ezatt l-arrangament kummercjali milhuq bejniethom u bejn il-partijiet kollha li hadu sehem fin-negozju tax-xhieda ta’ hut in kwistjoni. Hu dan il-ftehim li kien jorbot lill-kontraenti li kienu liberi li jaslu ghal kwalunkwe arrangament li xtaqu sakemm ma jkunx kontra l-ligi.

Din is-sottomissjoni hi biss in parte vera. Filwaqt li hu minnu li l-ewwel Qorti kkostatat bhala fatt – u dana jirrizulta mill-atti – illi x-xhieda tal-partijiet kienet, fil-punti essenzjali taghha konfliggenti, dan ma jfissirx illi l-ewwel Qorti njorat il-verzjonijiet proposti minnhom li kienu jaghtu stampa differenti tar-rapporti guridici li nholqu bhala konsegwenza tan-negozju. Ghall-kuntrarju, l-ewwel Qorti ghamlet ezercizzju dettaljat u approfondit ta' apprezzament tal-provi kollha prodotti biex tasal ghal dak il-grad ta' probabilita', mehtieg skond il-ligi civili, biex tirrendi verzjoni wahda aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra.

B'ghaqal u gudizzju l-ewwel Qorti ghazlet ukoll illi titfa' l-piz ta' l-apprezzament taghha fejn irriskontrat elementi ta' prova li kienu indipendenti minn verzjonijiet moghtija mill-kontendenti, li, pero', jissuffragaw verzjoni 'il wahda aktar milli l-ohra. Hu sewwa li jigi minn din il-Qorti rilevat dak li kjarament kien f'mohh l-ewwel Qorti pero' ma giex minnha espress b'mod daqstant car. Dan hu l-fatt li una volta ma kien bl-ebda mod kontestat illi sar in-negozju ta' bejgh tal-hut da parti ta' l-atturi, ghal liema bejgh kien dovut prezz li kien qed jigi reklamat f'din l-azzjoni, u una volta hu stabbilit li dak il-prezz ma kienx thallas, kien jispetta lill-konvenut illi jipprova li l-pagament tal-hut li tieghu hu ha l-konsenja legali jekk mhux materjali, ma kienx minnu dovut imma kien dovut minn terzi. Infatti ma kien hemm l-ebda dubju illi mill-provi akkwiziti l-atturi stabbilew b'mod sodisfacenti mhux biss l-involviment

dirett tal-konvenut fin-negozju ta' l-akkwist tal-hut, imma wkoll tramite l-esebizzjoni tac-cekkijiet li kienu jirrapprezentaw il-pagament tal-partiti ta' hut reklamati mill-atturi f'din l-istanza, huma ippruvaw, almenu prima facie, salv prova kontrarja, ir-responsabilita' tal-konvenut li jhallas ghall-hut ordnat. Ma kien hemm l-ebda kwistjoni dwar il-kwantita' ta' hut ordnat u konsenjat, dwar il-kwalita' tal-hut konsenjat, u dwar il-prezz tal-hut. Almenu f'din il-kawza l-ebda eccezzjoni ta' din ix-xorta ma nghatat anke jekk sar accenn ta' prova illi il-hut seta' ma kienx f'kondizzjoni accettabbli meta wasal fid-destinazzjoni tieghu. Mertu dan pero' li jezorbita mill-prezenti istanza propju ghaliex il-konvenut qed jippretendi li hu ma xtara xejn, li hu kien biss agixxa bhala sensal biex wassal in-negozju li ghalih ma kellu l-ebda responsabilita' u fil-fehma tieghu, kien jispetta lilu biss il-hlas tal-commission.

Din il-prova li l-htiega taghha tiskaturixxi mill-unika eccezzjoni avanzata mill-konvenut kienet kjarament tispetta lilu. Dan sal-punt illi jekk ma jaghmilhiex id-difiza tieghu tfalli, it-talbiet attrici kellhom jigu milqugha, u aktar u aktar, f'kaz ta' dubju jew konflitt ta' provi, tali dubju kellu jmur favur it-tezi attrici. Certament fin-nuqqas ta' kontestazzjoni dwar l-ezekuzzjoni tal-ftehim tal-bejgh tal-hut, l-atturi kellhom kull dritt jithallsu tal-konsenji tal-hut li ghamlu. F'dan l-isfond kienet tassumi allura piz determinanti l-prova ta' l-atturi illi l-konvenut kien personalment hareg tlett cekkijiet favur taghhom biex ikopru l-pagament tal-mertu ta' din il-

kawza, liema cekkijiet gew "referred to the drawer" presumibilment – ghax din hija prattika bankarja – ghaliex ma kienx hemm flus fil-kont tal-konvenut appellant. Skond l-appellant l-arrangament kien li Senkal jibghatlu flus fil-kont ta' l-appellant u bihom hu kien ihallas lill-atturi tal-hut konsenjat u dana b'cekk personali. Apparti l-fatt li l-appellant qatt ma spjega ghaliex kien mehtieg li l-pagament jghaddi tramite l-kont personali tieghu, una volta l-interess tieghu kien biss il-pagament tal-commission minghand l-atturi, l-appellant ma spjega qatt x'kienet ir-raguni illi hu, f'din l-okkazzjoni, ghazel illi jhallas permezz ta' cekkijiet personali meta kien jaf illi l-flus minghand Senkal kienu ghadhom ma gewx depozitati fil-kont tieghu. Lanqas ma spjega, meta rinfaccjat b'dokumenti bankarji, kif u ghaliex il-flus minn barra gew depozitati direttament fil-kont bankarju tieghu minghand kumpanija gappuniza Tokyo Seafood Limited, u mhux minn Senkal li tieghu kien, skond hu, agent, meta din is-socjeta' gappuniza qatt ma ffigurat negozju ma' l-atturi. Gustament allura l-appellati jikkontendu illi l-ftehim bejn l-appellant u Senkal ma kien xejn dak ta' agenzija, imma huma kienu qeghdin bi shab jixtru l-hut minghandhom u jbieghuh direttament il-Gappun. Din il-verzjoni tal-fatti li tipprospetta figuri guridici diversi minn dawk avanzati mill-konvenut, u li jirrenduh direttament responsabbli ghall-pagament ta' dak li xtara minghand l-appellati, tirrizulta allura attendibbli u kredibbli. Gustament l-ewwel Qorti dehrilha li l-provi quddiemha kienu jtendu biex jikkonfermaw dak ix-xorta ta' negozju u

mhux il-figura semplici ta' *commission agent* kif prospettat mill-appellant.

Rinfaccjat b'sitwazzjoni ta' din ix-xorta, kien kjarament jispetta lill-konvenut appellant, jekk ried jiddefendi l-posizzjoni tieghu b'success, li jressaq provi ferm aktar konvincenti biex isostnu c-cahda tieghu li hu ma kienx effettivament kompratur tal-hut imma biss sensal. Wiehed kien jistenna li jaghmel prova certa u attendibbli mhux biss tal-ftehim li huwa kellu ma' dan Senkal, imma wkoll illi ma kien hemm l-ebda element ta' profitt fin-negozju bejniethom u bejn id-ditta Gappuniza hlief kummissjoni li ghaliha allegatament il-konvenut kien qed jahdem. Provi ta' din ix-xorta pero', il-konvenut baqa' ma pproduciex. Hi f'postha l-osservazzjoni ta' l-appellati fir-risposta ta' l–appell taghhom illi kien sinifikanti li l-konvenut baqa' qatt ma pprezenta kopja tal-korrispondenza li ghaddiet bejnju u bejn dan Senkal. Huma nnotaw li dan in-nuqqas ma kienx kumbinazzjoni u b'certa gustifikazzjoni jpoggu dubju dwar jekk dan kienx sehh propju ghaliex il-korrispondenza kienet altrimenti tikkontradici l-verzjoni moghtija mill-istes konvenut. Sospetti apparti, il-prova kienet certament tispetta lilu biex jaghti sustanza lil din l-eccezzjoni unika li hu ressaq.

Din il-Qorti, fl-istat ta' provi kif inhuma, ma tistax ma taqbilx mal-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti li ghall-atturi n-negozju kien

qed isir mal-konvenut. Indubbjament l-atturi kienu jafu li l-konvenut kienet qieghed jikkonduci dak in-negozju flimkien ma' Senkal li mieghu kien involut, waqt li flimkien kienu qeghdin joperaw ma' ditta jew ditti gappunizi. Il-konsapevolezza ta' dan il-fatt ta' l-involviment ta' l-appellant ma' terzi bl-ebda mod ma jbiddel ir-relazzjoni li hu kellu ma' l-atturi li ghalihom l-operazzjonijiet li ghamel l-appellant ma' haddiehor kienu *res inter alios acta*. Ma hemmx dubbju li sakemm ma nqalghux il-problemi fir-rigward tal-konsenji mertu ta' din l-istanza, l-appellant ma kienx qieghed jichad l-involviment dirett tieghu fix-xiri tal-hut u, kif jirrizulta wkoll mill-parti l-kbira tad-dokumentazzjoni esebita, kien qieghed jagixxi qua kompratur tieghu.

Il-qofol tal-kwistjoni hi verament jekk kienetx tirrizulta l-prova certa ta' relazzjoni diretta bejn l-atturi u dan Senkal. Din il-prova ma tirrizultax. L-appellati jinsistu illi l-konvenut maghhom dejjem agixxa f'ismu propju, u huma dejjem esigew illi n-negozju kien qed isir mal-konvenut personalment, indipendentement minn kull arrangament li dan seta' kellu ma' nies barranin.

L-appellant jinsisti li hu kien jahdem it-tonn ma' l-atturi appellati ghall-commission u jinsisti li r-riduzzjoni ta' dan il-persentagg fuq il-pagamenti maghmula kienu "*commission payment*" u mhux "*cash discounts*" kif jippretendu l-atturi. Il-gudizzju ta' l-ewwel Qorti kien verosimili u

attendibbli fis-sens li l-atturi jaghtu skont favur il-kompratur in konsiderazzjoni ta' hlas fil-pront. Filwaqt li hi korretta s-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-Qorti kellha tkun gwidata aktar milli mill-prattika kummercjali f'dan it-tip ta' negozju minn dak li effettivament gara fil-kaz taht ezami, din il-Qorti ma ssibx li l-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti kienet irrikonciljabbli mal-provi kif jirrizultaw quddiemha. Tqis anzi li huwa verosimili li hekk hu, anke tenut kont tal-fatt li, kif inghad, ma tirrizultax mill-atti l-prova illi dak il-persentagg ta' 3% kien l-uniku vantagg jew profitt li l-appellant ha mill-operazzjonijiet kummercjali li kkonduca fin-negozju ta' hut li fih kien involut Senkal u s-socjetajiet gappunizi.

M'hemmx ghalfejn jigi enfasizzat li jekk jigi accettat bhala fatt illi l-appellant xtara l-hut flimkien ma' Senkal minghand l-atturi, kienet tiskatta awtomatikament is-solidarjeta' fir-responsabilita' ghall-pagament tal-prezz dovut. Dan ai termini ta' l-art. 115 tal-Kodici tal-Kummerc li jipprovdi li fl-obbligazzjonijiet kummercjali hu prezunt li jekk ma jkunx hemm ftehim kontrarju d-debituri huma obbligati in solidum. Konsegwentement l-atturi appellati kellhom id-dritt ta' l-ghazla kontra min mid-debituri solidali setghu iduru biex jesigu l-pagament (art. 1096 tal-Kodici Civili).

Hi wkoll rilevanti s-sottomissjoni ta' l-appellati li anke li kieku kellu jigi, ghall-grazzja ta' l-argument biss, accettat li l-konvenut kien qed jircievi biss kummissjonijiet minghand Senkal u mhux jaqsam il-profitti, dan kien ifisser li l-konvenut kien qed jagixxi ta' "*commission agent*" u ghalhekk kienu japplikaw art. 96 u 97 tal-Kodici tal-Kummerc. L-ewwel artikolu jipprovdi li l-kummercjant kummissjonant hu dak li f'ismu jew taht l-isem ta' ditta socjali jaghmel atti ta' kummerc b'ordni jew akkont ta' principal. It-tieni artikolu jipprovdi li l-kummercjant kummissjonant mhux obbligat jaghti l-isem tal-persuna li ghaliha hu jagixxi. Hu obbligat direttament ma' dawk li maghhom jikkuntratta daqs li kieku l-operazzjoni kienet tieghu nnifsu.

Fil-kaz taht ezami l-Qorti ma ssibx li tirrizulta prova ta' xi inkarigu moghti minn dan Senkal lill-konvenut biex f'ismu jakkwista l-hut. Prova din li, li kieku tezisti, kienet certament tirrizulta minn xi dokument. Mill-banda l-ohra, anke li kieku verament kien hekk, xorta l-appellant kien jibqa' direttament obbligat fil-konfront ta' l-appellati ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt u allura ghall-pagament ta' dak li kien dovut "daqs li kieku l-operazzjoni kienet tieghu nnifsu". L-appellant, anke fir-rikors ta' l-appell, jinsisti li l-figura tieghu kienet dik ta' sensal "broker". F'dan ir-rigward ukoll pero', l-analizi ta' dritt maghmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata hi korretta, kif inhi korretta r-riferenza li saret ghall-artikolu 90 tal-Kodici tal-Kummerc li jipprovdi li:

"(1) "Is-sensal pubbliku li ma jsemmix lill-parti l-wahda l-isem tal-parti l-ohra iwiegeb personalment ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt u jidhol fil-jeddijiet tal-parti mhallsa minnu kontra l-parti li ma jkunx semma' isimha (it-tismija tal-parti ma tfissirx semplicement f'dan l-artikolu l-konoxxenza ta' l-isem, imma l-holqien tar-rabta kontrattwali mal-persuna. Fatt dan, kif inghad, ghal kollox dubbju fil-kaz taht ezami fil-konfront kemm ta' Senkal kif ukoll tas-socjetajiet gappunizi);

(2) "Jekk is-sens tal-pubbliku jsemmi l-isem, ukoll jekk wara li jkun ghaqqad l-operazzjoni, il-parti 'l wahda tista' tagixxi direttament mal-parti l-ohra, izda s-sensal pubbliku jibqa' jwiegeb fil-kaz li l-kuntrat ma jigix esegwit".

Anke taht dan ir-rigward id-difiza ta' l-appellant tfalli. Dan jinghad b'mod ghal kollox sussidjarju ghaliex fil-fehma tal-Qorti l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-fatti u tal-provi prodotti fir-rigward ta' l-involviment dirett ta' l-appellant fl-operazzjoni ta' bejgh u xiri, hi wahda korretta u sostnuta.

Ghal dawn il-motivi u ghall-motivi dedotti mill-ewwel Qorti, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg mm